DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/153

tat-3 ta' Frar 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2011/486/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/486/PESK tal-1 ta' Awwissu 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti individwi, gruppi, impriżi u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Afganistan [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Awwissu 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/486/PESK.

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2615 (2021) li tesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja fl-Afganistan, inkluż l-insigurtà tal-ikel, u li fakkret li n-nisa, it-tfal u l-minoranzi ġew affettwati b'mod sproporzjonat.

(3) Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, fir-Riżoluzzjoni tiegħu 2615 (2021), iddeċieda li l-assistenza umanitarja u attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fl-Afganistan mhumiex ksur tal-paragrafu 1(a) tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2255 (2015) filwaqt li tinkoraġġixxi bil-qawwa lill-forniturі li jiddependu fuq UNSCR 2615 (2021) biex jużaw sforzi raġonevoli biex jimminimizzaw l-akkumulazzjoni ta' kwalunkwe benefiċċju, kemm jekk bħala riżultat ta' forniment dirett jew devjazzjoni, lil individwi jew entitajiet dežinjati fuq il-Lista ta' Sanzjonijiet taħt il-UNSCR 1988 (2011).

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/486/PESK tiġi emendata skont dan.

(5) Hija neċessarja aktar azzjoni mill-Unjoni biex jiġu implimentati ċerti miżuri f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2011/486/PESK, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-ipproċessar u l-ħlas ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra, u l-forniment ta' oġġetti u servizzi meħtieġa biex jiġu żgurati t-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja u attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fl-Afganistan jew biex jiġu appoġġjati tali attivitajiet.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN

[1] ĠU L 199, 2.8.2011, p. 57.